# Maltese Literature Group Inc.
# Grupp Letteratura Maltija Ink.

Incorporation No. A8686H

*Kull korrispondenza għandha tintbagħat lis-Segretarju f'dan l-indirizz:*

**MLG, 477 Royal Parade, Parkville, Victoria 3052**

**FOLJU T'AĦBARIJIET**
**Numru 244 :: SETTEMBRU, 2016**



***Editur: Paul Vella***
paul.vella44@gmail.com


**Il-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria**

*qed jorganizza*

# PROGRAMM MUŻIKO-LETTERARJU

**Nhar il-Ħadd, 18 ta' Settembru, 2016**

**fis-Sala taċ-Ċentru Malti ta' Parkville, fis-2.00 pm**

*Kulħadd mistieden li jattendi u ġibu lil tal-familja u lill-ħbiebkom magħkom — **DĦUL B'XEJN***

## MIŻATA TA' SĦUBIJA

Il-miżata ta' sħubija issa qed titħallas fl-1 ta' Jannar ta' kull sena minn kulħadd. Dan ifisser li l-miżata issa titħallas minn Jannar sa Diċembru. Dawk li għadhom ma ħallsuhiex huma mitluba jagħmlu dan fil-laqgħa li tmiss u jaraw lil Ray Anastasi. Grazzi. Il-miżata għadha $10 kull familja. Grazzi lil dawk li ħallsu l-miżata fl-aħħar laqgħa tagħna. Għad hemm min għadu ma ħallasx tas-sena l-oħra. Ħudu ħsieb.

## LAQGĦA TA' LULJU



Il-laqgħa ta' Lulju għal darb'oħra saret l-aħħar Ħadd tax-xahar minħabba x-xitwa. Din inżammet il-Ħadd, 31 ta' Awwissu, 2 pm.
L-attendenza kienet waħda sabiħa għaliex 17-il membru kienu preżenti: Marie Louise Anastasi, Ray Anastasi, Rosemary Attard, Charles Attard, Joe Lofaro, Rose Lofaro, Carmen Mercieca, Manwel Cassar, Josephine Cassar, Bernadette Cassar, Paul Vella, Salvina Vella, Joe Bonett, Joe Camilleri, Mary Camilleri, Michael Xuereb u John Muscat.
Sar qari minn dawk preżenti: Manwel Cassar qralna żewġ poeżiji ta' Ġorġ Borġ u Anton Buttiġieġ, u oħra miktuba minnu. Marie Louise Anastasi qrat poeżija ta' Pauline Zammit, filwaqt Ġużi Camilleri qara żewġ poeżiji miktuba minnu. Wara smajna qari ta' poeżiji minn Josephine Cassar u Charles Attard, u Rose Lofaro qrat poeżiji ta' Baldass Armato. John Muscat qara poeżiji ta' Patri Ġuże` Delia, Rosemary Attard qrat poeżija ta' John Buttiġieġ u fl-aħħar smajna lil Michael Xuereb jaqra poeżija li kiteb bħala tislima fl-okkażjoni taż-żjara tal-President tar-Repubblika ta' Malta, Marie Louise Coleiro Preca.
Wara dan il-qari kollu kulħadd ħa sehem f'bibita fejn kellna "pizza", inbid aħmar u abjad, xorb minerali, kejkijiet u gallettini, te u kafe`.

## *Rebecca Cremona writes from Malta....*

Dear Paul, I hope this finds you and your lovely wife well. I wanted to let you know that the Simshar DVD has just been made available for pre order from this Monday. The official site is: zaar.com.mt and this link will take you to the Simshar page directly: http://www.zaar.com.mt/projects/simshar-official-dvd/
On the site there is all the information about what the DVD contains, other possible things like posters and bundle special prices etc. Should you like any further information just let me know.




Best regards from sunny Malta,

*Rebecca Cremona, Writer/Director, Kukumajsa Productions*

# GERFEX, BETTA U L-INTERNET — *Carmel G. Cauchi*




Mastru Gerfex u Betta Trombetta ma kinux jafu 'l xulxin għax hu minn Ħal Busbies u hi toqgħod Ħal Faqqus. Imma x-xorti riedet li għal din l-istorja jiltaqgħu, iqattgħu ġimgħa flimkien u jidħlu fi ġrajja mhix tas-soltu.
U ma jistax jonqos li f'din l-istorja jidħlu wkoll mart ix-xwejjaħ, in-nanna Lugrezja, u n-neputijiet tagħhom Ivan u Yvette. Niltaqgħu wkoll ma' Ferfex, il-kelb ta' Mastru Gerfex, u naraw kif dan il-kelb kbir idewwaq snienu lil Kaspru l-Amerikan, ir-raġel skifuż li hu dejjem imqabbad max-xwejjaħ Gerfex. Kaspru wkoll għandu sehem ewlieni fin-nisġa tal-istorja u, biex jasal għall-għan tiegħu, huwa lest li jagħmel kollox.
Karattru ġdid f'dan il-ktieb huwa Wiggles, il-pappagall imlewwen li Mastru Gerfex xtara dan l-aħħar. L-istorja kollha ddur mat-tema tal-internet u aktarx li Wiggles huwa l-iktar wieħed li jifhem f'dan is-suġġett għax, kull meta jissemma xi apparat elettroniku, jaqbeż hu biex ikellimna dwaru.
U dawn l-elementi kollha jagħmlu l-istorja tassew interessanti.

## *ITTRI LI NIRĊIEVU...*

Prosit u grazzi Paul. Bħas-soltu napprezza dan il-folju nteressanti li regolarment tibgħatuli. Permezz ta' dan il-folju, inżommu ruħna aġġornati mal-attivitajiet u l-ħidmiet ta' ħutna l-Maltin.
Nawguralek aktar suċċess għall-futur. Tislijiet.
***Mario Micallef***

Hi Paul, bħas-soltu, grazzi ħafna u prosit għall-Folju tal-Grupp Letteratura Maltija.
Dejjem ikun interessanti u nformattiv.
Inselli ħafna għalik u għal Salvina. Keep well.
***Carmen Galea*** (Canada)

Grazzi Paul u prosit tassew. Nieħu pjaċir inkun naf xi aħbarijiet dwar ħutna Maltin ġo l-Australja. Insellmilkom .
***Carmelo Borg***

Għażiż Paul, Irċevejt il-Folju Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria (Awwissu 2016) u b'ġieħ inkompli nġemmgħu mal-ħarġiet kollha ta' qablu.
Folju nadif minn kull pika u għira u mimli aħbarijiet letterarji u letteratura nnifisha, li jagħmlu minnu (minn dan il-Folju), magazine letterarju mill-aqwa.
B'imħabba:
***Mario Griscti***

Għażiż Paul, Grazzi dejjem tal-folju li tibgħat lili u lil ħafna kittieba oħrajn hawn Malta. Ikun fih dejjem qari interessanti l-aktar meta jkun hemm ukoll kontribuzzjonijiet ta' Maltin li jiktbu bil-Malti ukoll minn dal-bogħod kollu. Ikun dejjem ferħ kbir mhux biss bil-folju, imma kotba bħal ta'Joe Axiaq, novelli li jirreflettu lil Malta-Awstralja minn għajnejn l-emigrant Malti.
Ifraħ li Joe u jekk issib ħin u hu possibbli għaddili l-indirizz elettroniku tiegħu.
Semmejtlek drabi oħrajn dwar xi ħadd li miegħu nista' nibgħatlek xi pubblikazzjonijiet tiegħi, dejjem jekk ikun jogħġbu!.
Tislijiet u saħħa dejjem. Ħabibek,
***Paul P. Borg***

## Għalik din Pa . . .

Mhux iebsa li ninsiġlek
kelmtejn fi vrus imsawra…
għaliex dik tifkirietek,
dik ħajtek hekk imħawra……
ħallew minqux ġo qalbi,
dawk ħsusi hekk imfawra.

U rmejt ħsibijiet kiebja,
li jafu l-qalb joħonqu,
u mraħt fl-imgħoddi tiegħi
u ntbaħt li int bqajt miegħi,
b'dik it-tbissima safja, li ferrħet il-madwar….
u straħet qalbi mkebbsa, imsaħħna b'dan il-fwar.

Mal-ħġieġa ta' għajnejja, se nħożż rima mbewsa,
biex nagħlaq din il-għanja, b'siġġill nitfagħlek bewsa.

**_Reno Saliba_**

Reno kitibli ftit gimgħat ilu u qalli: *"Prosit tal-ħidma tagħkom. Jiena ser nispiċċa ngħallem il-Malti fl-Iskola Ewropea tal-Lussemburgu wara għaxar snin, kont l-ewwel għalliem tal-Malti u kelli esperjenzi sbieħ ħafna. Issa lura Malta, ngħallem fis-sekondarja. Forsi xi darba nitħajjar niġi ngħallem il-Malti l-Awstralja....."*



*Saħħiet dejjem*
*Reno Saliba*

Department of Premier and Cabinet
OFFICE OF MULTICULTURAL AFFAIRS AND CITIZENSHIP
*Proudly supported by the Office of Multicultural Affairs and Citizenship*

**BANK OF VALLETTA p.l.c.**
*Uffiċċju Rappreżentattiv:*
**16 Watt Street, Sunshine 3020**
**Telephone: 9311-3222**

***Jikteb Peter Paul Ciantar***

Pubblikazzjoni ta' ktieb li jiena nsejjaħlu 'Il-Bibbja tal-Mużika Maltija'

# L-APS BANK IKOMPLI JGĦIN LILL-MUŻIKA MALTIJA

Emmnuni ħbieb tiegħi, ma nixba' qatt infaħħar lill-APS Bank għall-inizjattivi kbar tiegħu (b'sostenn finanzjarju qawwi) favur il-mużika Maltija. Bil-fatti qed jurina li għandu ħafna għal qalbu l-mużika ta' pajjizna. Kien strumentali fir-recordings ta' kollezzjoni sabiħa (u beħsiebu jkabbarha) ta' mużika Maltija … mużika li ħafna minnha kienet biss fuq l-ixkafef fit-trab u l-moffa. Ħoloq ukoll konkorsi għal kompożizzjonijiet ta' mużika Maltija f'diversi oqsma tagħha. Kien ukoll l-organizzatur ta' kunċerti ta' mużika Maltija … u aktar ħbieb tiegħi … dan l-aħħar bil-pubblikazzjoni ġganteska ta' 'The Great Maltese Composers - Historical Context, Lives and Works' tal-awtur u riċerkatur Joseph Vella Bondin.



**Peter Paul Ciantar (xellug) jitkellem ma' l-awtur tal-ktieb Joseph Vella Bondin**

Lill-awtur Joe (kif ħafna jsibuh) jafuh għall-karriera tiegħu fil-vuċi (Baxx prinċipali f'pajjiżna għal ħafna snin) u oħrajn jafuh ukoll għall-pinna versatili tiegħu għat-teatru, radju u televiżjoni. Jiena u ħafna oħrajn insellmulu għax-xogħol kbir u kontinwu fir-riċerki tal-mużika Maltija. Riżultat ta' dan, il-kotba 'Il-Mużika ta' Malta sal-Aħħar tas-Seklu Tmintax' u 'Il-Mużika ta' Malta fis-Sekli Dsatax u Għoxrin' (PIN, Malta 2000).

Jiena llum il-ġurnata, dawn iż-żewġ kotba ta' Joseph Vella Bondin, b'minjiera ta' informazzjoni dwar il-mużika Maltija, insejħilhom biss il-Preludji. Dan għar-raġuni li llum ġie stampat bl-Ingliż il-volum ġdid bl-isem 'The Great Maltese Composers' tal-istess awtur - ktieb bi professjonalità kbira li fih aktar minn 850 paġna, bi stampi uniċi u referenzi preċiżi. Il-produzzjoni tal-ktieb hi ta' 'Mizzi Design & Graphic Services' u stampat għand Gutenberg Press f'pajjiżna.

## Ktieb ta' referenza u qari

L-awtur tal-ktieb ħaseb biex dan il-ktieb ġdid tiegħu jkun ukoll ta' referenza kif ukoll għall-qari ħalli b'hekk wieħed iżid aktar it-tagħrif tiegħu fl-istorja tal-mużika ta' pajjiżna. Wieħed jista' jaqra wkoll kapitli minnu u xorta jsib xogħol komplet.

Kif spjegali tant tajjeb l-awtur stess, il-ktieb kitbu bl-Ingliż ħalli issa l-istorja tal-mużika tagħna timraħ bil-bosta aktar għax l-għod-da meħtieġa hija mniżżla u dokumentata b'lingwa internazzjonali. Il-ktieb issa jista' jsib ruħu f'universitajiet internazzjonali, libreriji kbar u aktar u b'hekk it-talent mużikali ta' pajjiżna jkun aktar rikonoxxut. Ngħiduha kif inhi, kif jista' jkun li le?

Araw x'sibt dwar il-kompożitur Malti Alessandro Curmi (kultant fil-letteratura l-kunjom jidher 'Curmy') fil-ktieb il-ġdid ta' Vella Bondin. Jiena kont tal-fehma li dan il-kompożitur ikkompona ftit li xejn. Kemm kont żbaljat … ħa ngħidilkom li fost affarijiet oħra, dan Alessandro Curmi kkompona mużika għall-ħames balletti għar-Royal Italian Opera b'kuntratt li kellu ma' din il-kumpanija mondjali fl-istaġun April – Awissu 1847 fit-Teatru ta' Covent Garden. Insibuh magħruf bħala 'Alessandro Curmi tat-Teatru San Carlo ta' Napli' u kien il-kompożitur residenti tal-ballet matul dak l-istaġun, ħatra li turi li kien stmat bħala wieħed mill-kompożi-turi ewlenin ta' żmienu!

Bqajt mistagħġeb b'dak li qrajt … grazzi ħafna Joe: naf li domt snin taħdem fuq dan il-ktieb … naf li d-diffikultajiet ma kinux żgħar iżda bl-eluf … imma wasalt, kont determinat grazzi lill-APS Bank li kien warajk u grazzi wkoll lill-Prof. E.P. Delia (Chairman tal-Bank) li kien ukoll il-forza u l-mutur tal-proġett.

Il-ktieb 'The Great Maltese Composers - Historical Context, Lives and Works' huwa ktieb tassew organizzat, fis-sens li juri b'mod ċar ħafna kif il-mużika Maltija żviluppat mill-bidu tagħha … minn kant medjevali fil-Katidral tal-Imdina, sat-tieni nofs tas-seklu 20. Hawn wieħed jara l-kontribut mużikali kbir li tat il-knisja Maltija lil ħafna kompożituri kif ukoll is-sehem tat-teatri f'diversi oqsma, l-aktar fl-opra.

Ma' dawn inżidu wkoll l-esperjenzi kbar li ħafna kompożituri Maltin kellhom fl-Italja u l-Ingilterra (Franza wkoll b'Nicolò Isouard). Jispikkaw ħafna l-konservatorji mużikali ta' Napli fejn kompożituri Maltin bħal Girolamo Abos, Benigno Zerafa, Francesco Azopardi, Michel'Angelo Vella u oħrajn studjaw u saħansitra Abos, barra li kien il-maestro di cappella tal-Katridral ta' Napli, kien għalliem tal-istess konservatorji.

## Ktieb imqassam f'erba' partijiet

F'dan l-istess ktieb naraw dokumentat kif kompożituri Maltin fil-kitba mużikali tagħhom kienu fuq l-istess skala ta' kompożituri barranin u mill-aktar magħrufa. Dan kollu ġej minn pajjiż żgħir f'nofs il-Mediterran iżda li hu kbir fl-arti mużikali tiegħu. Il-ktieb 'The Great Maltese Composers - Historical Context, Lives and Works' huwa mqassam f'erba' partijiet b'diversi temi relatati ma' kull parti. L-awtur l-ewwel janalizza pajjiżna u l-mużika tiegħu qabel is-seklu 18. Hawn jidħol fil-mużika ta' Giuseppe Balzano u ħuh Domenico.

Fit-tieni parti l-awtur janalizza l-mużika tas-seklu 18 u hawn niltaqgħu ma' ismijiet bħal Filippo Pizzuto, Giuseppe Arena, Mich'Angelo Vella u oħrajn.

## Il-Motu proprio tal-Papa Piju X

It-tielet parti tal-ktieb iddaħħalna fil-mużika tas-seklu 19 f'pajjiżna. Hawn wieħed jara fid-dettall kif il-Motu proprio tal-Papa Piju X influwenza lill-mużika sagra Maltija. Hawn, jgħidilna Vella Bondin, twieldu dawk hekk imsejħin dinastiji bħal Pietro Paolo Bugeja (1772-1828) u l-familja Bugeja u l-familja Nani li bdiet f'Malta meta il-vjolinista Angelo Nani (1751-1844), iben familja nobbli tar-Repubblika ta' Venezja, tfaċċa Malta u nħatar mużiċista ewlieni tal-Granmastru Pinto. Dawn welldu wkoll il-maestri di cappella u magħhom jingħaqdu wkoll Carlo Diacono u Ferdinando Camilleri u kompożituri oħra li mlew dan ir-repertorju rikk ta' pajjiżna. Hawn ukoll wieħed isemmi lil Giuseppe Spiteri Fremond, Giuseppe Vella u Francesco Schira.

Din it-tielet parti tal-ktieb b'ġabra intensiva ta' kompożituri Maltin u x-xogħlijiet mużikali tagħhom tintemm b'tagħrif dwar l-eleganza mużikali ta' Paolino Vassallo.

Fir-raba' parti tal-ktieb l-awtur jittratta fid-dettal is-seklu 20 u hawn isemmi fost oħrajn lil Carmelo Pace, Charles Camilleri u Joseph Vella.

L-awtur jiddeċiedi li jtemm dan ix-xogħol kbir ta' riċerka billi jagħti tislima speċjali lil Carmelo Pace (1906-1993), kompożitur li ħafna mix-xogħlijiet mużikali tiegħu (fejn jidħlu l-vuċijiet) ġew interpretati mill-Baxx Vella Bondin innifsu u għalhekk il-mużika tiegħu Vella Bondin jafha sewwa. Hawn ukoll l-awtur isemmi lil Pace bħala l-għalliem tiegħu tal-mużika.

Fl-aħħar nett l-awtur jagħti wkoll tislima lis-Surmast Joseph Sammut (1926 - ) li miegħu l-Baxx Vella Bondin qasam l-esperjenzi tiegħu fuq il-palk tat-Teatru Manoel, fis-swali tal-kunċerti, fil-pjazez Maltin u fil-knejjes u katidrali tagħna.

Il-ktieb 'The Great Composers - Historical Context, Lives and Works' ta' Joseph Vella Bondin insejjaħlu l-'Bibbja tal-Mużika Maltija'. Huwa wkoll ktieb li fetaħ orizzonti ġodda biex il-mużika ta' pajjiżna toħroġ issa mill-qafas ta' darha u tivvjaġġa 'l bogħod biex tfewwaħ pajjiżi oħra barra minn xtutna. Li jonqos hu li din il-mużika tingħata wkoll il-ġieħ li jistħoqqilha fit-teatri u s-swali Maltin.

peterp@maltanet.net

## FESTA TA' MARIJA BAMBINA F'MELBOURNE

Nhar il-Ħamis, 8 ta' Settembru, Quddiesa fil-Kappella ta' San Pawl ħdejn iċ-Ċentru Malti ta' Parkvilla, fis-7 pm. Wara jkun hemm rinfreskanti fil-*foyer* taċ-Ċentru.

Imbagħad il-Ħadd, 11 ta' Settembru fil-Knisja ta' St Mary Star of the Sea, West Melbourne, 2.30 pm Rużarju, Quddiesa u Barka Sagramentali. Wara ssir il-Purċissjoni bl-istatwa ta' Marija Bambina akkumpanjata mill-Maltese Own Band. Għal aktar informazzjoni ċemplu lil Salvina Vella fuq 9460-4405 Mobile 0409 961 928


Reskeon Maltese Association Seniors Group

# Vittoria Dinner Dance

## at FIRENZE RECEPTIONS

134 McBryde Street, Fawkner

**Saturday, Sept. 10, 2016,**

**6.30 pm-12 am**

*Musical Entertainment by DJ King Charlie*

**BOOK EARLY — Organise a Table**

Five course meal and supper, wine, beer and soft drinks

**Marches by Brass Band** Dress: Tie and Jacket

**Members $50 — Non-Members $55**

*For tickets and more information please phone*

Salvina Vella **9460-4404** Mobile **0409 961 928**


*Mill-ħabib tagħna f'Malta...*
*ENZO GUSMAN*




Nirringrazzja lil Joe Borg, Patrick Sammut, Sergio Grech, Emmanuel Attard Cassar, l-Akkademja tal-Malti u ħafna oħrajn għat-tagħrif fuq il-letteratura Maltija f'Malta li nirċievu mingħandhom. Grazzi wkoll lil Rose Lofaro għall-għajnuna li nirċievi. Grazzi u napprezza ħafna.